MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Avviz Numru. 181/2013

**Airswift Couriers Limited (C13265)**

**vs**

**Chetcuti Cauchi Advocates**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta'

konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef, seba’ mija u sittin ewro u erbatax-il centezmu (€4,760.14) rapprezentanti servizzi ta’ courier rezi lilha mis-socjeta’ rikorrenti fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 2960/12 u l-imghax minn meta l-ammont kien dovut sad-data tal-effettiv hlas.

Rat ir-risposta ta’ Chetcuti Cauchi Advocates li giet prezentata fit-28 ta’ Awissu 2013 fejn eccepiet:

1. *“Illi in linea preliminari, l-esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante illi fir-rigward tal-ammont pretiz mis-socjeta’ rikorrenti, tali esponenti qatt ma dahlet f’obligazzjoni kontrattwali mas-socjeta’ rikorrenti;*
2. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti iridu jigu ezaminati in kwantu ghall-fatt li r-rikorrenti ma pprezentat l-ebda prova dwar il-bazi legali tat-talbiet taghha u/jew ta’ kif intlahaq l-ammont kontestat u ghalhekk l-esponenti tirrizerva d-dritt li teccepixxi l-preskrizzjoni ta’ l-ammont jew partijiet minnu;*
3. *Illi l-esponenti qatt ma nkarigat lis-socjeta’ rikorrenti ghas-servizzi rapprezentanti l-ammont pretiz mill-istess socjeta’ rikorrenti;*
4. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, stante li l-allegati obbligi u/jew dmirijiet addebitati lill-esponenti, ma jirrizultaw mill-ebda ftehim bejn ir-rikorrenti u l-esponenti, u kwindi ma hemm l-ebda ness legali bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fl-avviz promotur stante li tali talbiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni."*

**Dr Jean Philippe Chetcuti** xehed fis-6 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa partner ta' Chetcuti Cauchi Advocates u direttur ta' diversi kumpaniji. Huwa spjega li r-relazzjoni taghhom mas-socjeta' attrici mhix bhala fil-vesti taghhom ta' Chetcuti Cauchi Advocates izda tramite kumpaniji ohrajn li huwa direttur fuqhom u li diversi kumpaniji setghu introducew klijenti lis-socjeta' attrici. Huwa stqarr li ma jafx liema huma l-kumpaniji ghax ma hawnx indikazzjoni liema huma l-fatturi. Is-socjeta' konvenuta huma biss *courier introducers* ta' klijenti lis-socjeta' attrici pero' hemm ftehim car minn qabel fejn kull klijent jiftah kont dirett mas-socjeta' attrici biex huma ma jkollhomx x'jaqsmu maghhom. Huwa spjega li huma ma jithallsux lanqas ghal din l-introduzzjoni, u ma ghandhom l-ebda anness, jigifieri n-negozju jsir dirett mis-socjeta' attrici u l-kumpanija in kwistjoni. L-unika involviment huwa fis-sens li l-kumpaniji l-ohra fejn ix-xhud huwa direttur juzaw l-istess indirizz ta' Chetcuti Cauchi Advocates. Ghalhekk l-indirizz li jidher bhala *pickup point* huwa effettivament l-indirizz ta' Chetcuti Cauchi Advocates. Fil-fatt spjega li fuq kull *order airway bill* kien ikun hemm ikkwotat l-*account number* differenti ta' kull klijent.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx x’inhi din is-somma li qed jigi mitlub fir-rikors promotur x’tirraprezenta u cioe’ liema effettivament *courier services* tkopri wiegeb li le ma jafx. Fil-passat huwa personalment kien gie avvicinat mis-socjeta’ attrici fejn talbuh dettalji tal-klijenti taghhom fejn deher car li effettivament dawn il-klijenti ma kinux qed ihallsuhom. Huwa tenna li effettivament kien hemm xi 1% biss minn dawn il-klijenti kollha li ghaddewlhom li effettivament kellhom xi kwistjonijiet maghhom, u ghalhekk jimmagina li dan l-ammont li qed jigi mitlub mis-socjeta’ konvenuta qal li hija din il-1%. Huwa jimmagina li dan l-ammont mitlub huwa ammont komplessiv ta’ fatturi zghar hafna u kienu gew infurmati li kienu ser ipoggu dawn l-invoices kollha flimkien u johorgu invoice wahda u jibaghtuha lis-socjeta’ konvenuta direttament. Pero’ huwa ddikjara li din l-invoice huwa qatt ma raha u jimmagina li ser tigi esebita f’dawn l-atti.

**Dr Jean Philippe Chetcuti** xehed in kontro-ezami fit-12 ta’ Marzu, 2014 fejn iddikjara li huwa ma jeskludix li fis-sena 2003 il-kumpaniji tieghu fosthom dik konvenuta uzat s-servizzi u s-socjeta’ attrici. Huwa gie muri dokument esebit fl-atti a fol 15 u dwar dan id-dokument huwa ma jiftakarx. Huwa stqarr illi jista’ jkun li nharget din il-*quotation* izda zgur li mhux ftehim. Ix-xhud tenna li jista’ jkun li dan il-ftehim kien jirrigwardja couriers li uzat is-socjeta’ konvenuta. Mistoqsi jekk dawn humiex ir-rati li juzaw, wiegeb li ma jistax iwiegeb.

Ix-xhud stqarr illi ma jistax jghid jekk is-socjeta’ attrici kienetx taghtu xi kwotazzjonijiet ohrajn. Huwa sostna li ma jafx li kien hemm xi quotations ohrajn fil-kuntest ta’ dawn l-invoices anzi ddikjara li jaf li ma kienx hemm *quotation*. Li kieku kien hemm xi quotation bejn is-socjeta’ attrici u dawn il-kumpaniji, wiegeb li dawn kienu jsiru diretti maghhom u hu ma jkunx jaf bihom. Is-socjeta’ attrici ma hargitx invoices fejn invojsjat lil Chetcuti Cauchi Advocates u lanqas lill-

Professional Services li hija kumpanija tax-xhud li taghhom huma l-klijenti ta' ISU. Huma dejjem hallsu couriers ta' Chetcuti Cauchi Advocates dawk li jkunu ordnaw huma u li jkunu uzaw huma. Pero' huma qatt ma ghamlu pagamenti ghan-nom ta' kumpaniji. Spjega li meta l-beneficjarji kienu ser ikunu s-socjeta' konvenuta, kienu jhallsu s-socjeta' konvenuta stess.

Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti a fol 65 u mmarkat bhala Dokument CSH. Huwa spjega li hemm referenza fid-dokument li jekk xejn il-pagamenti saru permezz ta' cekk minn Professional Services, li hi kumpanija ohra li huwa d-direttur taghha, pero' mhux Chetcuti Cauchi Advocates. Ix-xhud sostna li dawn il-pagamenti saru ghax kienet din l-istess socjeta' li kienet talbet is-servizz. Mistoqsi fejn huwa l-ftehim car li huwa semma fix-xhieda tieghu bejn il-klijent li jintroducu lis-socjeta' attrici u s-socjeta' attrici innifisha, wiegeb li dak li huma jintroducu jsir klijent tal-kumpanija attrici u ghalhekk il-ftehim irid ikun f'idejha u mhux f'idejn is-socjeta' konvenuta. Huwa sostna li ma jafx li hemm ftehim u lanqas jinteressah ghax ma jkunx hu li jkun qed jaghmel l-ordni.

Ix-xhud gie muri d-dokument a fol 89 tal-process u spjega li s-socjeta' konvenuta ma toffrix *registered office address*. Huwa qal li dak iz-zmien li harget dan id-dokument, dawn kellhom *registered office* l-istess bhal dak ta' Chetcuti Cauchi Advocates. Dawn kollha kienu klijenti tas-socjeta' konvenuta dak iz-zmien, uhud minnhom setghu talbu *courier service* huma sabiex jibghatulhom xi dokumentazzjoni minn naha taghhom u ghalhekk huma hallsu, pero' sussugwentament ghan-negozju li huma kienu jisvolgu minn Malta indipendement mis-socjeta' konvenuta jekk huma talbu xi *courier services* mis-socjeta' attrici direttament minnhom stess jew tramite servizz ta' kumpaniji ohra taghhom, l-ordni kienet issir dejjem ghan-nom ta' dik l-istess socjeta', u

ghalhekk l-invoices sahansitra kienet tohrog ukoll fuqhom. Jekk is-socjeta' konvenuta qaltilhom li kienu ser jirreferulhom klijent, ir-relazzjoni kienet tkun direttament magghom u ghalhekk l-inovices kienu johorgu f'isimhom. Virginia Grima u Roberta Gauci ma ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' Chetcuti Cauchi Advocates. Dawn jahdmu ma' kumpaniji ohrajn, dawn kienu l-accountants ta' dawk il-kumpaniji u bhala accountants kienu jaghmlu ordni ghan-nom ta' dik il-kumpanija. Ix-xhud ma jafx ezattament xi ftehim kien hemm bejn il-kumpanija attrici u kumpaniji ohrajn, meta qablet li tiftah kont f'isimhom. Huwa gie muri dokument a fol 27 il-quddiem u f'dan id-dokument hemm isem il-klijent u cioe' lil min intbaghat l-invoice. Meta huwa fisser airwaybill fix-xhieda tieghu precedenti ried ifisser l-ordni. Pickup kien ikun l-istess indirizz li tuza Chetcuti Cauchi Advocates, pero' naturalment hija wkoll socjeta' ohra taghhom li kienet tordnalhom is-servizz u li ghandha l-istess indirizz.

**Victor Rutter** xehed fil-15 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Sales Executive mas-socjeta' attrici. Huwa filfatt kien mar sabiex jipprova jiehu xi negozju mis-socjeta' konvenuta u kien iltaqa' ma' Dr Chetcuti Cauchi fejn il-business tieghu tirrigwardja courier services. Huma tkellmu fuq is-servizzi li setghu joffrulhom u sahansitra anke r-rati. Huwa qal li fil-fatt kellhom ukoll xi meeting u Dr Chetcuti Cauchi deher li kien interessat u waslu ghal xi ftehim bejniethom. Sussegwentament jaf li Dr Chetcuti Cauchi kien ghaddieh lil certu Virginia Grima li hi wkoll impjegata tieghu sabiex jaghmlu n-negozju direttament maghha u bdew jistabbilixxu relazzjoni ta' business bejniethom. Ix-xhud tenna li l-ftehim pero' kien mas-socjeta' konvenuta u kien jidher ghaliha Dr Chetcuti Cauchi. Filfatt huwa kien baghtlu l-*proposal agreement*, skond il-laqghat li kellhom u ra li dawn huma esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dokument X. Filfatt ghall-ewwel kien qallu li xtaq jirranga ftit ir-rati ta' bejniethom u waslu ghar-rati

li kienu ftehmu dwarhom u ddecidew minn meta kellu jibda jahdem billi juza s-servizzi tax-xhud.

Sussegwentaement ix-xhud jaf li ghadda perjodu u kienu ghaddejjin full swing bejniethom u dan billi jaghmlu l-esportazzjoni tad-dokumentazzjoni taghhom. Huwa tenna li kellhom inkontru iehor fejn qallu li kien ser jigih perjodu fejn kien ser jizdiedlu x-xoghol peress li kellu xi kumpaniji ohrajn tieghu li xtaqu juzaw is-servizzi taghhom, pero' l-istess ftehim baqa' ghaddej u effettivament ma ghamlu l-ebda ftehim iehor bejniethom. Huwa jaf li kellhom inkontru iehor fejn qal lix-xhud li kien ser jigih perjodu fejn kien ser jizdiedlu x-xoghol peress li kellu xi kumpaniji ohrajn tieghu li xtaqu juzaw is-servizzi taghhom, pero' l-istess ftehim baqa' ghaddej u effettivament ma ghamlu l-ebda ftehim iehor bejniethom. Huwa stqarr li hu dejjem iltaqa' ma' Dr Chetcuti Cauchi u dejjem hadem tramite l-medium tieghu.

**Victor Rutter** xehed in kontro-ezami fid-9 ta' April, 2014 fejn gie muri dokument li hu esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. X a fol 14. Mistoqsi jekk huwa ghandux xi kuntratt bil-miktub u ffirmat wara dan il-ftehim wiegeb li iva kien hemm agreement pero' huwa mhux f'pozizzjoni jesebih illum. Dan jinsab fl-ufficju tieghu u prometta li jesebih fis-seduta sussegwenti. Effettivament dan l-agreement jinsab ukoll inserit fl-atti a fol 15. In segwitu li kien sar il-qbil, beda x-xoghol u ghalhekk fil-fehma tax-xhud il-parti l-ohra kienet accettat il-kontenut tieghu ghax ix-xoghol sar skont il-ftehim. Huwa ma jidhirlux li effettivament Dr John Chetcuti kien iffirma dan il-ftehim. In segwitu wara li kien gie miftiehem il-ftehim Dok. X kien sar il-ftehim li hu esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. Z u beda x-xoghol. Ix-xhud tenna li hemmhekk huwa kien intrabat li jaghtih dawk ir-rati specjali. Filfatt huwa beda jahdem maghhom u zammew dawn ir-rati.

Effettivament ghall-ewwel il-ftehim gie ffirmat u tkellem ma’ Dr Jean Philippe u sussegwentement in-negozjati tieghu saru mal-haddiema tieghu. Il-quotation in kwistjoni giet indirizzata lil Dr Jean Philippe Chetcuti, lil Chetcuti Cauchi Advocates. Huwa jiftakar li darba minnhom Dr Chetcuti f’isem Chetcuti Cauchi Advocates kien cempillu u qalluli kellu xi xoghol iehor li ried izid mas-servizzi tax-xhud u ghalhekk huwa xtaq ikellmu. In segwitu x-xhud kien iltaqa’ mieghu u qallu li kien ser ikollu kumpaniji ohrajn tieghu u li kienu ser jinkludu u jinvolvu exports sabiex jaghti servizz lilhom. Ix-xhud kien mar ghandu, u tkellmu pero’ l-kuntatt tieghu dejjem kien ma’ Chetcuti Cauchi Advocates. Huma ma ftehmu ghal ebda rati godda izda baqghu bl-istess ftehim.

**Lorraine Bugeja** xehdet fil-15 ta’ Jannar, 2014 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta’ Finance Manager mas-socjeta’ attrici. Hija stqarret li l-business bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta bdiet fis-sena 2003. Huma dejjem kienu jinvojsaw direttament lil Chetcuti Cauchi Advocates u l-hlasijiet kienu dejjem isiru ninghand is-socjeta’ konvenuta. F’Dicembru 2006 is-socjeta’ konvenuta kienu talbu laqgha mas-sales representative tas-socjeta’ attrici Victor Rutter u xtaqu li jaqsmu kull invoice skond il-kumpaniji taghhom. B’hekk huma kienu jinvojsjaw lis-socjeta’ konvenuta b’attachment ta’ kull kumpanija li kienet taghmel xi hlas u dan kien ikollu invoice number differenti, pero’ l-hlas globali kien isir mis-socjeta’ konvenuta. Filfatt ix-xhud esebiet kopja ta’ din l-invoice li huma kienu jibghatu lis-socjeta’ konvenuta liema dokument huwa mmarkat mill-Qorti bhala Dok. Y.

Ix-xhud spjegat li l-Airway Bills tal-kumpanija attrici kienu jintbaghtu minn Roberta Gauci jew Virginia Grima li huma mpjegati tas-socjeta’ konvenuta jew kienu juzaw l-account number ta’ Chetcuti Cauchi Advocates direttament. Filfatt

hija esebiet kopja ta' dawn l-Airway Bills li huma mmarkati bhala Dok. P. Il-hlasijiet kienu jsiru dejjem b'mod regolari u dejjem minghand l-Avukat Chetcuti Cauchi. Hija esebiet ukoll kopja tal-hlasijiet li effettivament kienu jsiru mis-socjeta' konvenuta liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. CSH u dawn jindikaw l-invoice numbers differenti u l-hlas sar minn Chetcuti Cauchi Advocates. Naturalment bhala accounts department baqghu jigru wara l-flus taghhom sabiex jithallsu tas-servizz li kienu taw pero' kien hemm xi invoices li kienu pendenti. F'Settembru 2008 hija kienet tkellmet mas-socjeta' konvenuta dwar dawn il-hlasijiet li kienu ghadhom pendenti u qaltilhom li dakinhar hi ma kinitx ser taghmel aktar invoices fuq il-kumpaniji differenti kif mitluba minnhom izda kienet ser tohrog l-invoices kollha direttament lis-socjeta' konvenuta. Hija esebiet kopja tal-istatements pendenti li l-Qorti mmarkat bhala Dok. CSH1. L-ahhar pagament li rcevew minghand is-socjeta' konvenuta kien f'Dicembru 2010. Hija ghamlet referenza ghal dokument ASC esebit fl-atti li huwa statement tal-bank fejn jindika l-pagament li sar mis-socjeta' konvenuta.

Ix-xhud sostniet li huma bhala socjeta' attrici baqghu jigru warajhom u fl-24 ta' Lulju 2012 giet infurmata minghand il-konvenuti li l-klijenti taghhom kienu telquhom u dwar dan hemm dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok A. Ir-relazzjoni taghhom dejjem kienet mas-socjeta' konvenuta. Huma qatt ma kienu jiktbu direttament jew jibbiljaw direttament lill-kumpaniji tas-socjeta' konvenuta ghax ma kellhom l-ebda relazzjoni maghhom.

**Lorraine Bugeja** xehdet in kontro-ezami fit-12 ta' Marzu 2014 fejn iddikjarat li effettivament hija wasslet ghall-konkluzjoni li Roberta Gauci u Virginia Grima kienu impjegati ta' Chetcuti Cauchi Advocates ghax meta kien mar ir-rapprezentat taghhom, dan kien tkellem maghhom ghan-nom ta' din il-

kumpanija, li hija fil-fatt dejjem tkellmu maghhom bhala Chetcuti Cauchi Advocates. Hija giet murija Dokument CC1 u CC2 li huma *registration forms* tal-ETC fejn jirrizulta li effettivament Virginia Grima u Roberta Gauci ma kienux impjegati ta’ Chetcuti Cauchi Advocates. Hija tghid li certu affarijiet personali tan-nies hija ma taf xejn dwarhom. Pero’ meta huma kienu rcevew *complimentary slips* dejjem ircevewhom ghan-nom ta’ Chetcuti Cauchi Advocates. UPS Shipping account number jigi kkrejat minnhom internament. Dan jinghata lill-klijent, sabiex il-klijent juzah fuq l-airway bills, sabiex ikun jaf li x-xoghol huwa tieghu. Hija kkonfermat li l-ahhar pagament li rcevew kien datat 14 ta’ Dicembru 2010 u kien gie mibghut minn  E. Said Limited. Din kienet kumpanija ta’ Chetcuti Cauchi Advocates li gieli hallsu invoices taghha. Ix-xhud giet murija cheque images, wiegbet li dawn huma cheques li effettivament saru biex jaghmlu l-hlasijiet ta’ dawn il-kumpaniji. Dan id-dokument huwa mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z u dwar dan qalet li l-kumpaniji li hargu dawn ic-cekkijiet m’humiex Chetcuti Cauchi Advocates. Ic-cekk hareg minn CCA Interserv Limited. Hija ma tafx li qatt gew inkarigati mis-socjeta’ CCA Interserv Limited. Pero’ dawn ic-cekkijiet li hawn indikati fid-dokument Z gew imsarrfa minnha.

Rat illi fil-5 ta’ Gunju 2014 inghatat sentenza preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni fejn din il-Qorti kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn kien eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Chetcuti Cauchi Advocates li gietipprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-11 ta’ Lulju 2014 fejn eccepiet:

1. *"Illi minghajr pregudizzju ghar-risposti gia' ntavolati, t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fl-avviz promotur stante li tali talbiet huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti li hija ngunta in subizzjoni."*

**Dr Jean Philippe Chetcuti** xehed fl-10 ta' Dicembru 2014 fejn iddikjara ghal darb'ohra li huma m'humiex id-debituri tal-ammont mitlub lilhom.

**Lorraine Bugeja** prodotta mis-socjeta' attrici xehdet fl-10 ta' Dicembru 2014 fejn esebiet ittra ufficjali li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z liema ittra ufficjali gietipprezentata fil-5 ta' Novembru 2012 u giet notifikata lil Chetcuti Cauchi Advocates fit-13 ta' Novembru 2012. Hija kkonfermat illi l-istatement li jinsab inserit fl-atti a fol 89 gie mibghut minnhom lill-konvenuti u d-data li hemm fin-nofs ta' dan l-istatement hija d-data tal-invoice date u l-ahhar invoice li huma baghtu hija datata 24 ta' Marzu 2009. Hija qalet li wara din id-data ma kienx hemm aktar servizz u tenniet li dawn l-invoices indikati fuq din l-ittra ghadhom pendenti sal-lum.

Rat in nota ta’ sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuti nhar is-28 ta’ Jannar 2015 u f’din in-nota l-konvenuti ghal darb’ohra rega’ ghamel referenza ghall-fatt li fil-fehma tieghu ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta’ attrici. Il-Qorti pero’ ma thossx li ghandha tiddiskuti dan il-punt sollevat f’din in-nota stante li gja gie trattat fl-ewwel sentenza moghtija minnha fuq citata.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici pprezentata seduta stante nhar it-18 ta’ Frar 2015.

Rat illi l-avukati difensuri rremettew ruhhom ghall-atti processwali nhar it-18 ta’ Frar 2015 u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalhekk qabel ma’ din il-Qorti tidhol fil-mertu, ghandha l-ewwel titratta eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti b’nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri datata 11 ta’ Lulju 2014 u cioe’ dik tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal Kodici Civili.

Bir-rispett kollu, l-argumenti tas-socjeta’ attrici, li l-fatt li l-konvenuti jeccepixxu l-preskrizzjoni qieghdin jaccettaw li d-dejn jezisti ma hux argument legali li ghandu sahha. Il-preskrizzjoni m’hijiex negazzjoni tal-kreditu izda eccezzjoni li l-azzjoni biex dak il-kreditu jigi kanonizzat ikun skadielha z-zmien biex tigi prezentata. Il-preskrizzjoni hija mezz biex il-kwistjonijiet u vertenzi ma jibqghux

ghal dejjem. Kif jispjega l-gurista Trabucchi (Commentario Breve Codice Civile pagna 2767);

*"La prescrizione e' definta come un modo di estinzione dei diritti il cui fondamento e' ricondotto da taluno all'idea di rinuncia tacita del titolare, da altri all'interesse publico ad elimare il contrasto tra situazione di fatto e situazione di diritto da altri infine al'esigenza di assicurare la certezza neo rapporti giuridici secondo una prospettiva che non esclude ma assorbe in se' le alter esigenze sopra elencate."*

Il-kwistjoni li tqum hija minn meta jibda jiddekorri dan it-terminu. Hekk kif gie deciz diversi drabi u dan a tenur ta' l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tali perjodu jibda jghaddi minn dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tigi ezercitata.

Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 hija soggetta ghall-interpretazzjoni *eiusdem generis.*

Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra imsemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti imsemmija fl-Artikolu 2156 ma huwiex kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet '**Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino'** deciza fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn inghad illi:

*"Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus.*

*Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus"*

Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti, jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus.

Illi f'dan il-kaz is-socjeta' attrici qed titlob lil din l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma hemm indikata ta' erbat elef, seba' mija u sittin ewro (€4,760) u ghalhekk mhux kontestat li t-talba tas-socjeta' attrici tirrigwarda kreditu ta' flus dovut lilha.

Jidher li bejn il-kontendenti kien hemm '*an on going account'* ghas-servizz ta' *courier service* li l-konvenuti kienu jaghtu lis-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-varji invoices li ntbaghtu mill-konvenuti flimkien ma' complimentary slips taghhom matul medda ta' zmien (vide Dok R a fol. 16). Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Lorraine Bugeja kif raportata aktar 'l fuq fil- kapacita' taghha ta' finance Manager tas-socjeta' attrici li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' €4,691.62 kif jirrizulta mill- istatement esebit fl- atti u mmarkat bhal Dok CSH1. Jidher li dan l-statement jinkorpora fih l-invoices pendenti li ghadhom ma thalsux. Jidher li l-eqdem invoice hija datat 2 ta' Frar 2007, invoice numru 20329. Jidher ukoll li skond ix-xhieda ta' Lorraine Bugeja l-ahhar pagament akkont li ghamlu l-konvenuti kien f' Dicembru 2010 u jidher ukoll li nhar il-5 ta' Novembru 2012 is-socjeta' attrici kienet interpellat lill-konvenuti sabiex ihallsuha dan id-debitu taghhom permezz ta' ittra ufficcjali li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol. 134. Illi ghalhekk in vista ta' dawn id-dati din il-Qorti issibha difficli tara kif effettivament l-azzjoni odjerna hija fil-fatt preskritta bl-gheluq tal-hames snin u konsegwentement tali eccezzjoni qed tigi michuda.

In kwantu ghal mertu, il-konvenuti qed ighidu li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar servizz li kienu jaghtu lis-socjeta attrici u li s-socjeta' attrici kellha tipprezenta prova dwar il-bazi legali taghha ghat-talba kontenuta fir-rikors promotur taghha.

Jinghad li, kif intqal fis-sentenza '**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino'**, (Appell Kummercjali 25 ta' Frar 1952) mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali:

*"hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell On Evidence (p. 487): In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty'...*

*The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them."*

Illi hekk ukoll kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza **'Alexander Boiciuc vs Joseph Cardona'** ezercenti fil-kummerc bhala JC Real Estate (Avviz Numru 260/2009 CSH – 04/07/2012):

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezz morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet... Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vide 'George Bugeja vs Joseph Meilak' deciza 30 t'Ottubru 2003 PA)."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**John Vella noe et vs Anthony sive Mario Anthony Vella**', deciza nhar it-3 ta' Dicembru 1999 mill-Qorti ta' l-Appell fejn inghad li:

*"Una volta l-attur jallega s-somma minnu citata kienet u ghadha dovuta, l-oneru kien fuqu li jipprova li l-hlas ma sarx. L-appellanti isostnu illi una volta l-konvenut Mario Vella xehed li l-hlas sar u ta raguni valida fil-ligi ghaliex ma setax jipprezenta dokumentazzjoni ghall-hlas, dil-prova kellha tkun bizzejjed biex tinverti l-oneru tal-prova fuq l-attur nomine. Dan l-aggravju hu guridikament insostenibbli. Dan ghaliex filwaqt illi l-appellanti jaccettaw u ma jistghux jaghmlu mod iehor illi principju bazilari illi l-oneru tal-prova jispetta lil min jallega, huma jonqsu li japprezzaw il-massimu Latin illi l-prova 'incubit ei qui dicit non ei qui negat' li jfisser ukoll li mhux possibli illi issir il-prova negattiva ta' fatt li ma sehhx. Filwaqt li hu minnu illi x-xhieda tal-konvenut tikkostitwixxi prova daqskemm tikkonsititwixxi prova x-xhieda tal-attur, filwaqt li hu car illi wiehed jafferma illi ghandu jiehu filwaqt illi l-iehor jafferma li hallas dak li kien dovut, hu ovvju illi l-Qorti konfrontata b'dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet guramentati konstrastanti kienet tesigi minghand min kien obbligat li jipprova l-hlas prova ferm aktar sostanzjata minn dik tal-gurament tieghu. L-attur nomine ma kien jehtieglu xejn aktar hlief li jipprova dak illi fil-fatt ipprova u cioe' il-ftehim l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet li kien jimporta minnu assunti u f'dan il-kaz il-konsenja tal-merkanzija ordnata skond l-istess ftehim. Pruvat dan l-oneru kollu tal-prova tal-hlas dovut kien ighaddi fuq debitur u kien jispetta lilu li jipprova b'mod univoku u konvincenti l-hlas minnu allegat."*

*"Hawn ovvjament f'dan il-binarju l-oneru ta' prova dwar jekk l-konvenut ghamilx pagamenti jinkombi fuqu tenut kont tal-principju generali li min jallega jrid jipprova. Fid-dubju u fin-nuqqas tar-ricevuti kollha ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx kollu jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-kreditur huwa sodisfatt"* ("Desmond Mizzi nomine vs Patrick Filletti pro. et nomine" - A.C. 28 ta' Jannar 2000).

Illi meta din il-Qorti ezaminat ix-xhieda prodotta kemm mis-socjeta' attrici kif ukoll mill-konvenuti minn imkien ma jirrizulta li effettivament il-konvenuti kienu hallsu dan id-debitu taghhom. Qatt ma jghidu li effettivament kienu halsu ghal dan is-servizz u fil-fatt l-eccezjonijiet tagghom huma diretti fis-sens li s-socjeta' attrici ghandha tipprova li in effetti tat dan is-servizz lilhom u fit-tieni lok li ghadha ma thalsitx.

Illi bir-rispett kollu jirrizulta bic-car li s-socjeta' attrici kellha relazzjoni *'on going'* mal-konvenuti li damet sejra ghal numru ta' snin u in effetti fil-passat il-konvenuti dejjem onoraw id-debiti tagghom pero' ghal xi raguni jew ohra dwar dawn l-ahhar invoices imsemmija fl- istatement Dok CSH 1, il-konvenuti xtaqu jesumu ruhhom minn kull responsabilita' u jghidu li l-ammonti pendenti m'humiex dovuti minnhom izda direttament mis-socjeta' li bbenifikat mis-servizz minkejja li kienu huma li kienu qed ihallsu ghal dan is-servizz fil-passatt u minkejja li n-negozjati kollha kienu isiru direttament mal-ufficcju ta' Chetcuti Cauchi Advocates. Bir-rispett kollu pero' dan hu biss ragunament ta' dak li xtaq Dr Jean Philippe Chetcuti u mhux dak li kienu ftiehmu l-partijiet u cioe' li l-ufficju legali Chetcuti Cauchi Advocates ihallas ghas-servizz li tordna hi.

Illi ma jirrizutlax mill-atti li in effetti l-konvenuti hallsu l-invoices pendenti mertu tal-kawza odjerna minkejja li anke gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali qabel ma saret din il-kawza u ghalhekk illum-il gurnata m'hemmx dubju li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati ihallsu l-ammont mitlub fir-rikors promotur.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, seba' mija u sittin ewro u erbatax-il centezmu (€4,760.14) u dan filwaqt li qieghda tichad l-ecezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 2960/12 u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali li gietipprezentata nhar il-5 ta' Novembru 2012 (Numru 2960/12).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------